MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA**

Seduta tat-2 ta' Frar, 2010

Numru. 709/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**George Grech bin Guzeppi u Rosanna nee' Grech, imwieled fl-20 ta' Marzu, 1925, residenti fil-fond Sacred Heart,**
**Triq Ghajn Tuta, Kercem, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 30225(G)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi George Grech li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer bhala persuna licenzjata mill-Kummissarju sabiex izomm arma tat-tip Muzzlegun double barrel bin-numru 1440:

1) Naqas li javza lill-Kummissarju tal-Pulizija fi zmien 24 siegha fil-kaz ta’ telf, serq jew hsara rreparabbli tal-imsemmija arma;
2) U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhal persuna licenzjata sabiex ikollu l-pussess tal-arma msemmija naqas milli jzommha b’tali mod li ma tigix f’idejn haddiehor;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda tal-imputat stess irrizulta illi l-arma tan-nar tat-tip Muzzlegun double barrel bin-numru 1440 kienet tappartjeni lil missieru. Missieru miet ’il fuq kinn tletin (30) sena ilu. Ghalkemm l-imputat jghid illi dina l-arma giet moghtija lilu, madanakollu qatt ma kienet fil-pussess tieghu peress illi meta zzewweg fit-tmeninijiet missieru qallu biex ihallihielu u hekk ghamel, izda l-arma baqghet licenzjata fuq ismu. Fil-fatt hu kien irregistra din l-arma fuq ismu peress illi kienu qalulu illi l-arma trid tigi rregistrata, izda l-ixkubetta qatt ma kienet fil-pussess tieghu skont il-Ligi;

Illi mix-xhieda ta’ PS 73 Josef Camilleri rrizulta illi sa mis-sena 1984 l-imputat beda jhallas l-licenzja ghal dina l-arma u baqa’ jhallasha b’mod regolari;

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-Ligi li kienet vigenti fiz-zmien illi l-arma giet registrata fuq isem l-imputat kienet l-Ordinanza Dwar l-Armi u cioe’ l-Kapitolu 66 tal-Ligijiet ta’ Malta li llum gie abrogat u minfloku dahal fis-sehh il-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ l-Att dwar l-Armi;

Illi l-ewwel (1) akkuza li tikkomtempla reat istantanju u ghalhekk il-Kapitolu 480 tal-Ligjiet ta’ Malta li fuqu hija msejsa dina l-akkuza, ma kienx vigenti fiz-zmien li sehh dana l-allegat fatt. Dana peress illi l-Att dwar l-armi saret Ligi fil-hmistax (15) ta’ Awwissu 2006. L-imputat ghalhekk

ma jista' qatt jinstab hati taht xi Ligi li ma kinitx tezisti fiz-zmien li sehh l-allegat fatt;

Illi l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tat-tieni (2) akkuza li tikkomtempla reat kontinwat. Dana qed jinghad peress illi fil-mument illi l-imputat kien ihallas il-licenzja in kwistjoni huwa kien qed jidher responsabbli ghall-imsemmija arma tan-nar u ghalhekk kien fid-dmir tieghu li jzommha fil-kustodja tieghu. L-imputat ma messu qatt hallas licenzja ghal arma tan-nar li ma kinitx iktar fil-pussess tieghu. Illi dana d-dmir kien impost ukoll taht l-Ordinanza dwar l-Armi li fl-Artikolu 8 (1) jitkellem dwar il-kustodja tal-armi tan-nar;

Illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni ghar-rigward tat-tieni (2) akkuza ghalhekk ma tistax issib applikazzjoni. Il-Pulizija saru jafu b'dan il-fatt biss f'Lulju tas-sena 2009 u ghalhekk l-azzjoni kriminali ma hijiex preskritta peress illi fil-kaz ta' reat kontinwat, il-preskrizzjoni tibda tghodd mill-jum li fih ikun sar l-ahhar ksur tal-Ligi kif dispost fl-Artikolu 691 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 47 u 51(8) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ewwel (1) akkuza, issibu hati tat-tieni (2) u tikkundannah multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------